# 158. Fjuri tal-Aerodrome

Fjuri tal-port ta' l-ajruplani u weraq
tiddu u tleqqu tan-nida bil-qatriet
u d-dmugħ li jinżel mill-għajnejn tan-nisa,
li jibku 'l żwieġhom sejra jew l-ulied:

Kull jum, bla jehda qatt, mis-sema fuqkom
jinżel matul il-lejl tan-nida l-qtar;
'mma d-dmugħ li jinżel mill-għajnejn tan-nisa
jaqa' u jraxxax fuqkom lejl u nhar!

Fjuri tal-port ta' l-ajruplani u weraq,
nisma' x-xenqiet lit għid qalbkom miskina:
"Agħtuna n-nida! Dina l-għatx ittaffi,
'mma waqqfu dan id-dmugħ għax qed jherrina!"